# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVIL

**IMHALLEF**

**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 28 ta' Gunju, 2002.**

**Kawza Numru: 20**

**Citaz. Nru. 1174/99 GV/6**

Doc 267-02

**Albert Xuereb**

**vs**

**Swan Laundry and Drycleaning Company Limited**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie permess li s-socjeta' konvenuta hija debitrici ta' l-attur fis-somma ta' elf tlett mija sitta u erbghin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm1,346.70) rapprezentanti ammont dovut bhala *commission* ghal xoghol li sar mas-*Suncrest Malta* minn Novembru, 1989 sa Mejju 1995 in vista ta' ftehim datat l-1 ta' Novembru, 1989;

Premess illi s-socjeta' konvenuta ghalkemm interpellata diversi drabi biex thallas, anke permezz ta' l-ittra ufficjali xorta wahda baqghet ma hallsitx l-ammont dovut;

Premess illi l-fuq imsemmi ammont huwa cert, likwidu u dovut ai termini ta' l-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif l-istess attur

jikkonferma fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu, u fil-fehma ta' l-attur, is-socjeta' konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti;

Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti biex:

1. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta' l-artikolu 167 ta' Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta..

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' elf tlett mija sitta u erbghin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm1,346.70) rapprezentanti ammont dovut bhala *commission* ghal xoghol li sar mas-*Suncrest Malta* minn Novembru, 1989 sa Mejju, 1995.

Bl-interessi dekorribbli minn Mejju, 1995, u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali t'Awissu 1998, kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti a fol. 14 tal-process fejn eccepew:

Illi l-azzjoni attrici hija assolutament infondata fil-fatt u fid-dritt, stante li ma hemm l-ebda indikazzjoni tal-komputazzjoni tal-ammont pretiz mill-attur, u konsegwentement tali ammont ma huwiex dovut, u inoltre il-ftehim ta' bejn il-partijiet ma giex osservat fis-shih, u ghaldaqstant is-socjeta' konvenuta m'ghandha taghti xejn lill-attur.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri tas-socjeta' konvenuta a fol. 32 fejn eccepiet li l-azzjoni attrici hija preskritta a termini ta' l-artikolu 2148(e) tal-Kap 16 u dan stante li skada t-terminu prefiss mill-ligi.

Rat id-decizjoni preliminari taghha a fol. 36 li biha dina l-eccezzjoni ulterjuri giet michuda spejjez ghall-konvenuti.

Rat il-verbal a fol. 41;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri a fol. 48 fejn il-konvenuti eccepew ulterjorment il-preskrizzjoni ta' hames snin skond l-artikolu 2156(f) tal-Kap 16.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill-Avukati difensuri jittrattaw:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-kawza thalliet ghall-lum ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti dwar il-preskrizzjoni a termini ta' l-artikolu 2156(f) tal-Kap 16.

Il-konvenuti qed jikkontendu li skond id-dokument ezibit mill-atturi a fol. 20 Dok AX2 fejn hemm indikazzjoni tal-*breakdown of purchases*, l-ahhar xoghol sar ghal perjodu Jan-May 1995 u l-kawza giet prezentata fil-21 ta' Mejju, 1999. Ghalhekk skond il-konvenuti l-maggor parti ta' dana l-ammont, cioe' sal-1994 huma preskritt.

Minn naha l-ohra l-attur qed jissottometti li l-obbligazzjoni kienet wahda, il-*commission* kien fuq ix-xoghol kollu u ma tistax tispezzetta l-ammont mitlub.

Illi l-provi li ressqu l-partijiet kienu skarsi ghal ahhar, imma l-partijiet talbu sentenza fuq l-eccezzjoni fuq il-provi li hemm.

Skond il-ftehim li kien sar bejn il-partijiet u li gie ezibit a fol. 21 u senjatament l-artikolu jinghad:

"*This agreement is subject to the condition that the First Party (cjoe il-konvenuti) shall enter into an agreement with Messrs Suncrest Company Limited and Ta' Kella Company Limited in virtue of which it will carry out the laundry and drycleaning requirements of the Suncrest Hotel and the Sunny Coast Complex*".

Ta' dana, skond l-artikolu 7, *the third party*, cioe' l-attur, "*shall be entitled to a commission of one and a half per cent on the value of contracts for laundry and drycleaning channeled by the third party to the first party. Such commission shall be payable quarterly in arrears on all paid sales in respect of work performed by the first party*" (fol. 25).

L-unika prova li gab l-attur dwar l-allegat xoghol li sar, li fuqu qed jippretendi *commission* hu d-dokument a fol. 20 bla dettalji ta' kif inhadmu dawn l-ammonti. Hu qed jippretendi *commission* fuq xoghol li suppost ilahhaq ghall Lm113,724.83. Hu xehed li l-konvenuti kienu hallsuh darba (ara fol. 18) imbaghad beda jipprova jithallas pero ma rnexxilux ghalhekk meta assuma li skada l-kuntratt insista li jigbor il 1/5% fuq l-ammonti ta' xoghol li sar u baghat il-kont Dok AX 2 lill-konvenuti.

Joseph Mousu Financial Controller mal-konvenuti kkonferma li kien isir xoghol mas-Suncrest bejn il-1988 sal-1995 pero ma jistax jikkonferma il-figuri li gew prezentati.

**Tikkunsidra**

Illi ghalkemm fic-citazzjoni saret riferenza ghall-ittra ufficjali datata Awissu, 1998 li suppost intbaghtet lis-socjeta' konvenuta, fil-process dina ma tinsabx u ma gietx ezibita, u ghalhekk ma jistax jigi konsidrat jekk kienx hemm interruzzjoni tal-preskrizzjoni.

Il-partijiet qablu li tapplika l-preskrizzjoni ta' hames snin f'dan il-kaz u l-eccezzjoni hija f'dan is-sens.

Illi l-ahhar xoghol li suppost li sar kien fil perjodu Jannar - Mejju 1995 mentri l-kawza giet prezentata fil-21 ta' Mejju, 1999.

L-attur qed jikkontendi li l-Qorti ghandha tikkalkola l-hames snin minn meta nhareg il-kont Dok AX2 (mhux datat) imma mmarkat 26 ta' Gunju, 1995 bl-ammont komplessiv ta' Lm113,724.83 u mhux tispezzettah u timxi skond is-snin li fihom sar ix-xoghol.

Il-Qorti ma taqbilx ma dina s-sottomissjoni.

*The prescription of an action for payment of the share of profits deriving from a contract of works starts running from when the works are completed and the profits are realized. If the date of realization of profits or the termination of works does not result, prescription starts running from when the works are contracted (Word of the Court - Dr.Farrugia Randon pag.512 Vol 1).*

Skond il-ftehim il-*commission* kienet dovuta u kienet *payable* *quarterly in arrears on all paid sales in respect of work performed by the first party*" (fol. 25). Fil-fatt l-attur kien gabar xi *commissions* minghand il-konvenuti ghal xi xoghol li sar imbaghad ma kompliex jigbor il-flus li kienu dovuti u gabar kollox fl-ahhar meta assuma li l-kuntratt kien spicca. Fil-kuntratt kien hemm specifikat kif u meta kellha tithallas il-*commission* u ghalhekk il-preskrizzjoni tibda tapplika minn meta l-ammont ta' commission setgha jintalab.

Konsegwentement il-Qorti tikkonkludi li l-preskrizzjoni ghandha tapplika ghall kull ammont indikat fid-dok AX2 separatament u mhux fuq ammont globali. Ghalhekk il-*commissions* mitluba fuq l-ammonti li kienu dovuti qabel Mejju, 1994 huma preskritti.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi
billi tilqa' l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti fis-sens fuq indikat u cioe' li l-*commissions* mitluba fuq l-ammonti li kienu dovuti qabel Mejju, 1994 huma preskritti;
spejjez riservati ghad-decizjoni finali;
u tiddifferixxi l-kawza ghall provi fil-mertu ghat-13 ta' Novembru, 2002 fl-10.45 a.m.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**